

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (il-Lussemburgu) fit-12 ta' Mejju 2010 — Xuan-Mai Tran vs Landsbanki Luxembourg SA, fi stralċ

(Kawża C-239/10)

(2010/C 209/32)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Xuan-Mai Tran

Konvenuta: Landsbanki Luxembourg SA, fi stralċ

#### Domandi preliminari

- (1) L-Artikoli 1, 2 u 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE, tal-20 ta' Lulju 1998, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies [tkeċċijiet] kollettivi, <sup>(1)</sup> għandhom jiġu interpretati fis-sens li japplikaw għal waqfien ta' negozju permezz ta' dikjarazzjoni ta' falliment tal-persuna li tħaddem, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja li tordna d-dissoluzzjoni u l-istralċ tal-istabbiliment ta' kreditu tal-persuna li tħaddem minħabba insolvenza abbażi tal-Artikolu 61(1)(a) u (b) tal-liġi emendata, tal-5 ta' April 1993, dwar isettur finanzjarju, waqfien li fir-rigward tiegħu l-liġi nazzjonali tipprevedi x-xoljiment tal-kuntratt ta' xogħol b'effett immedjat?
- (2) Fil-każ li r-risposta għal din il-mistoqsija tkun fl-affermattiv, l-Artikoli 1, 2 u 3 tad-Direttiva 98/59/KE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kuratur jew l-istralċjarju huma assimilabbli għal persuna li tħaddem li jkollha l-intenzjoni li twettaq tkeċċijiet kollettivi u li tkun f'pożizzjoni li twettaq, minn din il-perspettiva, l-atti msemmija fl-Artikoli 2 u 3 tad-direttiva u li twettaq dawn it-tkeċċijiet (Kawża C-323/08, punti 39, 40 u 41) <sup>(2)</sup>?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 327

<sup>(2)</sup> Sentenza, tal-10 ta' Diċembru 2009, Rodriguez Mayor et, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia — Sezione Terza (l-Italja) fis-17 ta' Mejju 2010 — ENEL Produzione SpA vs Autorità per l'energia elettrica e il gas

(Kawża C-242/10)

(2010/C 209/33)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia, it-Tielet Awla

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: ENEL Produzione SpA

Konvenuta: Autorità per l'energia elettrica e il gas

#### Domanda preliminari

L-Artikoli 23, 43, 49 u 56 tat-Trattat kif ukoll l-Artikolu 11(2) u (6) u l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2003/54 jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, mingħajr ma tkun ġiet innotifikata lill-Kummissjoni Ewropea, timponi b'mod permanenti fuq ċerti produttori tal-elettriku li għandhom, f'ċirkustanzi partikolari, rwol essenzjali għas-sodisfazzjoni tal-bżonnijiet tat-talba għas-servizzi ta' dispaċċ, li jippreżentaw offerti fis-swieq tal-borża tal-elettriku skont programmi stabbiliti esternament mill-operatur tan-netwerk, u li tneħħi r-remunerazzjoni ta' dawn l-offerti mid-determinazzjoni libera tal-produttur billi torbotha ma' kriterji li ma jkunux ġew iddeterminati bil-quddiem skont "proċeduri trasparenti, mhux diskriminatorji u bbażati fuq regoli tas-suq"?

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Mejju 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana

(Kawża C-243/10)

(2010/C 209/34)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Grespan u B. Stromsky, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Taljana